MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2014

Mandat Numru. 289/2013

**Charmaine Debono**

**vs**

**Gava Interiors u Noel Gauci**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici kif ipprezentat minnha fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Awwissu 2013 fejn esponiet:

*"Illi permezz ta' sentenza moghtija fit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur fl-ismijiet* ***Charmaine Debono vs Gava Interiors*** *(Rik nru. CCT. 35/11 JE) deciza fit-8 ta' Marzu 2012 Gava Interiors gew ikkundannati jbiddlu t-tank tas-solar heater a spejjez taghhom. Kopja tas-sentenza giet annessa u mmarkata Dok. A.*

*Illi n-negozju bl-isem ta' Gava Interiors kien jigi gestit minn certu Noel Gauci li kontrieh ukoll qed issir din il-procedura.*

*Illi nonostante diversi nterpellanzi l-intimati baqghet m'aderixxewx ruhhom ma' din is-sentenza.*

*Illi skont l-***artikolu 25(3) tal-Kap. 378** *tal-Ligijiet ta' Malta tali sentenzi huma ezegwibbli permezz ta' mandat f'din il-Qorti.*

*Ghaldaqstant l-attrici titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, a tenur tal-***artikolu 385 tal-Kap. 12** *tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-hrug ta' mandat in factum fil-konfront ta' l-intimati u konsegwentement tordna li l-intimat Noel Gauci jigi mehud il-habs, sabiex hemm jinzamm bi spejjez tieghu nnifsu, sakemm ma jaderixxix ruhu mas-sentenza imsemmija hawn fuq, jew sakemm il-Qorti jidhrilha li hu mehtieg sabiex tizgura l-ezekuzzjoni ta' din is-sentenza u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

Rat ir-risposta tal-konvenuti li gietipprezentata fit-23 ta' Ottubru 2013 fejn eccepew:

*"Illi kif jigi muri waqt is-smiegh, il-proceduri li taw lok ghal dan ir-rikors saru fl-assenza tieghu waqt li kien rikoverat minhabba problemi serji ta' sahha li dwarhom kien informa lis-Segretarjat tat-Tribunal (Dok A). F'dan il-kuntest, gie privat minn smiegh xieraq u ma ghandux ikun konsegwenzi f'dan ir-rigward.*

*Illi Charmaine Debono ma ghandha ebda pretenzjoni kontra Gava Interiors fi kwalunkwe kaz kif jidher mill-anness Dok B.*

*Illi l-garanzija de quo fi kwalunkwe kaz teskludi t-tank intern peress illi l-intimat ma jistax ikollu kontroll fuq l-istess (Dok C).*

*Illi fi kwalunkwe kaz l-apparat de quo ma ghadux isir u ghalhekk ma jistax jinhareg il-mandat mitlub."*

**Charmaine Debono** xehdet fl-20 ta' Novembru 2013 fejn iddikjarat li fis-sena 2006 hija kienet xtrat solar system

minn ghand Gava Interiors li kien kopert b'garanzija ghal perjodu ta' tlett mitt xahar fejn jirrigwarda l-kwistjoni ta' stainless steel. L-attrici esebiet kopja tal-kuntratt tal-akkwist li l-Qorti mmarkat bhala Dokument X. In segwitu fis-sena 2010 beda hiereg l-ilma minn dan is-solar system. Hija fil-fatt cemplet lil Noel Gauci u spjegatlu bil-hsara li kellu. Huwa baghtilha t-technicians u hadu s-solar system maghhom ghat-tiswija. Dan dam ghandu erba' xhur u peress li kienet diehla x-xitwa l-attrici cemplitilhom u qaltilhom li kellha bzonnu. Huwa kien qalilha li kien lest u li kien ser jibghatulha lura u hekk gara. Fix-xahar ta' Novembru, 2010 regghu nstallaw dan is-*solar system*, pero' sostniet li baqa' hiereg l-ilma aktar milli kien johrog qabel ma tatulhom originarjament.

Ix-xhud regghat marret ghandhom u spjegatilhom li l-problema kienet ghadha hemm u qalilha sabiex taghti cans hmistax peress li kien hemm possibilita' li l-ilma jieqaf. Nonostante dan l-ilma baqa' hiereg u regghat marret. Hija sabet rapprezentanta fil-Gava Interiors u qaltilha li kien hemm bzonn li dan is-solar system jinbidel. Fil-fatt kienet qalet lill-attrici li kienu sewwewh pero' meta l-attrici cemplet ghand min is-soltu jsewwu Gava Interiors, il-persuna qaltilha li ma kinux hadmu fuq is-solar system taghha ghax ma jissewwiex.

L-attrici stqarret li kienet giet mitluba sabiex tixtri iehor, pero' hija wegbithom li skont il-ftehim li kellha kienet koperta izda qaltilha li ma kinitx koperta u offritilha iehor bi prezz ridott u cioe' minflok sitt mija, bieghatulha tlett mija. L-attrici stqarret li accettat u ordnatu ghax ma kellhomx in stock.

Sadanittant l-attrici marret ghand tal-konsumatur, tathom kopja tal-kuntratt li esebiet fix-xhieda taghha u damu kwazi sena u nofs u l-konvenut qatt ma deher. Hija ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur datata 8 ta' Marzu 2012 li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument A.

Is-socjeta' konvenuta fil-fatt kienu tawha *solar heater* iehor b'mod provizorju li kellha tirritornah lura lilhom una volta

jasal it-tank il-gdid. Hija stqarret li dan it-tank li nghatat ukoll kien imtaqqab u hiereg l-ilma minnu. Filfatt hija kienet infurmat lill-konvenut bl-ezitu ta' din is-sentenza u qaltlu x'kienet id-decizjoni. Huwa qalilha li ma qabilx maghha u li ma kellhiex dritt ghax ma kinitx koperta bil-garanzija u qalilha wkoll li jekk hi kienet se tibghatlu ittra bl-avukat huwa kien ser ifittixha ghad-danni. Dan id-diskors sar minn Noel Gauci. Sussegwentement hija marret ghand l-avukat, baghtitlu ittra izda ma wegibx u kien ghalhekk li waslet biex ghamlet dan ir-rikors.

**Noel Gauci** xehed fil-11 ta' Dicembru 2013 fejn ikkonferma dak li allegat l-attrici fis-sens li hu kien inkarigat li jbeghilha *solar water heater* u fil-fatt dan ghamlu. In-negozjati ma sarux minnu izda saru mill-impjegati tieghu. Huwa ra l-*warranty certificate* esebit f'dawn l-atti u mmarkat bhala dokument X a fol 19. Fuq dan id-dokument jidher li d-data tal-bejgh saret fit-30 ta' Novembru 2006. Kif hemm imnizzel f'din l-istess garanzija, hemm indikat li kien hemm garanzija ta' sittin xahar full u tlett mitt xahar fuq stainless steel, pero' fit-tieni klawsola tal-istess ftehim hemm miktub li l-*inner tank* mhux kopert b'din il-garanzija. Din issir mis-supplier peress li ma jkollux kontroll fuq il-kwalita' tal-ilma li jkun qieghed jinbiegh. Il-hsara li kellha l-attrici kienet mill-*inner tank*.

Ix-xhud spjega li dan it-tank gie ghandhom, u huma fethuh u qal li jista' jkun li gie ghandhom fit-2008 kif qalet l-attrici stess. Ix-xhud attira l-attenzjoni tal-Qorti li effettivament fuq din il-garanzija l-attrici nghatat ukoll il-fakulta' li jekk trid seghtet tikkancella l-ordni li effettivament kienet ghamlet. Fil-fehma tieghu meta t-tribunal tat id-decizjoni taghha, hija ma qratx il-garanzija kollha u qaghdet biss fuq l-ewwel punt ta' din il-garanzija. Mistoqsi jekk kienx prezenti ghas-seduta quddiem it-tribunal wiegeb li le ma kienx, ghax dak iz-zmien kien qieghed jaghmel operazzjoni akuta, it-tribunal kien infurmahom li ma setax jattendi, tawni *acknowledgment* ghall-ittra tieghu u talbu provi sabiex jara li vera effettivament kien ser jaghmel din l-operazzjoni. Ix-xhud

tah dokumentazzjoni u wiegbu li kien irceviha, izda sema' l-kawza fl-assenza tieghu.

Mistoqsi jekk il-kumpanija ghadhiex taghmel dawn is-*Solar Water Heaters* wiegeb li llum il-gurnata ma ghadhiex. Fil-fatt stqarr li qabel ma giet deciza s-sentenza tat-Tribunal, huma kienu diga' ssuplew tank iehor gdid lill-istess attrici u dan b'buona volonta' taghhom. Ghalhekk fid-19 ta' Jannar 2012 l-attrici kienet iffirmat karta fejn indikat li qed tiehu lura l-oggetti pero' iddikjarat ukoll li ma kellha l-ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront taghhom. Ix-xhud esebixxa kopja ta' dan id-dokument li l-Qorti mmarkat bhala dokument Z. Huma ma ghadhomx agenti ta' din is-socjeta' Novatron u fil-fatt iddikjara li din lanqas ghadha tezisti.

**Ikkunsidrat:**

Bhala fatti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni u cioe' li l-attrici kienet xtrat *solar water heater* minghand il-konvenut Noel Gauci mill-hanut tieghu Gava Interiors u maz-zmien inqalalha xi inkwiet fis-sens li kien hemm xi hsara fih tant li spiccat inizjat proceduri quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumaturi u nhar it-8 ta' Marzu 2012 dan l-istess Tribunal ta decizjoni fis-sens li kkundannat lill-konvenut ibiddel it-tank tas-solar heater li kien ikkonsenja lill-attrici ghas-spejjez tieghu. Jidher ukoll li minkejja it-trapass taz-zmien il-konvenut ma aderixxiex ruhu ma' din is-sentenza ghaliex ma qabilx mad-decide taghha. Minkejja dan pero' ma jidhirx li gie intavolat appell minn din id-decizjoni li llum hija *res judicata.*

Kien ghalhekk li l-attrici irrikoriet quddiem din il-Qorti b'talba sabiex tintuza il-procedura odjerna tal-mandat *in factum.* Il-konvenut fix-xhieda tieghu ma jichadx li effettivament ma aderixxiex ruhu mas-sentenza gja citata u ittenta jaghti spjegazzjoni ghaliex ma jaqbilx maghha liema spjegazzjoni fil-verita' ma tantx issib soljev quddiem din il-Qorti f'dan l-istadju tas-sentenza li tinsab gja deciza b'mod permanenti.

Il-Qorti ghalhekk trid tqis biss jekk it-talba odjerna li saret ai termini tal-**Aetikolu 385 (3) tal-Kap 12** hix gustifikata u jekk tistax tigi milqugha fir-rigward tal-fatti kif esposti mill-partijiet.

Minn ezami tas-sentenza moghtija mit-Tribunal tat-Talbiet ghal Konsumatur jirrizulta li l-ordni li ta t-Tribunal kienet wahda fejn l-konvenut kellu ibiddel tank tas-solar heater a spejjez tieghu u ghalhekk hija obbligazzjoni 'di dare'.

Ghal dak li jirrigwarda l-ligi l-**Artikolu 385 tal-Kapitolu 12** jiddisponi is-segwenti:-

"385. *(1) Il-mandat in factum ghandu jkun fih ordni lill-ufficjal ezekuttiv tal-Qorti biex l-ezekutat jigi mehud il-habs u jinzamm hemm bi spejjez tieghu innifsu sakemm ma jaghmilx il-fatt ordnat bis-sentenza, jew sakemm il-Qorti jidhrilha li hu mehtieg sabiex tizgura l-esekuzzjoni ta' dak il-fatt.*

*(2) Il-mandat m'ghandux jinhareg hlief wara rikors mill-kreditur u l-Qorti ghandha tohrog il-mandat biss jekk tkun sodisfatta li l-kreditur ma ghandu ebda mezz ta' esekuzzjoni ohra*".

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**<u>Emanuel Bartolo vs Victor Micallef</u>',** deciza nhar id-19 ta' Mejju 2005 fejn inghad li:

"*Sa ftit zmien ilu, it-talba ghal-hrug ta' dan il-mandat kellha issir permezz ta' citazzjoni, u, f'kull kaz, kellu jkun precedut minn sentenza li tkun ikkundannat lill-konvenut sabiex jesegwixxi xi att, li jibqa' mhux esegwit, u l-Qorti trid tara li tali mandat huwa necessarju sabiex tigi esegwita s-sentenza. Bis-sahha ta' l-emendi ricenti, it-talba tista' issir b'rikors, izda, fil-fehma tal-Qorti, din il-bidla la bidlet ix-xorta u l-iskop tal-mandat, u lanqas ma nehhiet minn fuq il-Qorti l-obbligu li tisma lill-partijiet u tara li dak il-mandat hu verament mehtieg ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza. Dan il-mandat ma jinharegx, kif jinhargu hafna mil-mandati l-ohra, fuq responsabilita' ta' min jitlob il-hrug*

*tieghu, izda ghandu jinhareg mill-Qorti wara li tkun semghet liz-zewg nahat u wara deliberazzjoni, in iscritto jew oralment, fuq il-htiega tal-mandat. Dan il-mandat iwassal ghac-cahda mil-liberta' tal-individwu, u m'ghandux jigi akkordat jekk mhux wara li jigu ezaminati l-posizzjoni taz-zewg nahat involuti fil-materja.*

*Dan il-mandat ma jistax johrog hlief wara talba permezz ta' rikors ad hoc nonostante t-titolu esekuttiv li jkun ottjena l-kreditur sabiex il-Qorti taccerta ruhha li jezistu il-presupposti ghall-hrug tal-istess mandat u cioe' li l-istess konvenut kien ikkundannat b'sentenza sabiex jaghmel xi att hemm ordnat fil-konfront tal-attur, u sabiex tivverifika li fil-fatt dan l-att verament ma sehhx in konformita' mal-istess sentenza indikata, u fit-tieni lok sabiex jigi stabbilit jekk tali mandat huwiex mehtieg sabiex tassigura l-esekuzzjoni ta' tali fatt.*

*Illi ghalhekk fl-ewwel ipotesi din il-Qorti trid tara li fil-fatt il-mandat in kwistjoni irid jintalab biss fil-kaz li l-konvenut ma jkunx ezegwa l-obbligazzjoni ta' fatt imposta fuqu b'sentenza*".

Il-Qorti trid tassikura ruhha qabel ma taghti l-ordni ghall-hrug ta’ tali mandat li l-obbligazzjoni indikata fis-sentenza ma tkunx wahda ta' hlas u lanqas sabiex tigi moghtija xi haga determinata, izda ghandha tikkonsisti fil-kompjiment ta' att personali ghall-istess debitur, u mhux biss izda stante id-disposizzjoni tal-Artikolu 385(4) tal-Kap 12, irid jigi accertat ukoll jekk gewx esegwiti mezzi ohra ta' esekuzzjoni jekk dan ikun possibbli fic-cirkostanzi.

L-ghan tal-procediment ezekuttiv huwa llum il-gurnata bit-tibdiliet li saru, (u li gja dahhlu in vigore permezz ta’ Avviz Legali 254 tal-2006, u dana b’effett mill-24 ta’ Ottubru 2006) kull obbligazzjoni ‘di fare’ tigi konvertita f'obbligazzjoni ‘di dare’ sabiex b'hekk it-talba tigi rizolta fir-rifuzjoni pekunjarja tad-dannu emergenti mill-inadempiment, ghalhekk qabel ma wiehed jirrikorri ghall-mandat in factum ghandu qabel xejn jintwera li l-obbligazzjoni di fare ma tistax tigi konvertita

f'obbligazzjoni di dare permezz ta' azzjoni ghad-danni u imghax.

Illi dawn il-principji ghadhom applikabbli nonostante il-bidla fil-procedura dwar kif issir it-talba ghal-hrug tal-mandat, u nonostante t-thassir fl-1985 tal-mandat ghal-arrest personali. Il-Mandat ta' arrest personali tnehha mhux ghax l-istess skop jista' jintlahaq bil-hrug ta' mandat in factum, izda peress li, skond l-izvillup dottrinali, l-arrest ta' persuna minhabba dejn gie meqjus bhala li jikser id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwu. L-interpretazzjoni li jrid jaghti l-konvenut twassal ghal-konsiderazzjoni li l-arrest personali ghad-dejn ghadu parti mill-ordinament guridiku Malti, meta dan ma kienx fil-hsieb tal-legislatur meta hassar il-provvedimenti tal-ligi li kienu jirregolaw il-mandat ta' arrest.

**L-artikolu 385** fuq indikat ghadu jaghmilha cara li l-mandat in factum jista' jinhareg f'kaz li d-debitur "ma jaghmilx il-fatt ordnat". Jidher car li dan il-mandat jista' jinhareg biss f'kaz ta' obbligazioni 'di fare' u mhux obbligazzjoni ohra bhal dan in esami ta ‘dare’.

It-talba taghha ghall-hrug ta’ mandat *in factum* bhal din taht il-lenti hija regolata a bazi ta’ dak li gie stabbilit u kkonfermat fis-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **“G. Xuereb vs D. Xuereb”** (App.Civ.Nru: 807/1983/1 – 27 ta’ Marzu 2003) fejn il-Qorti kkwotat minn sentenza moghtija minnha stess fit-2 ta’ Lulju 1975 fl-ismijiet **“Anna mart Charles Bonnici et vs Vincenza xebba Camilleri et”** fejn inghad li:-

*“… nonostante certa oxxillazzjoni f’din il-gurisprudenza dik l-aktar segwita hi li l-mandat ‘in factum’ ma jistax jintalab ghall-esekuzzjoni ta’ obligazzjoni ‘di dare’, anke jekk ordnata b’sentenza, imma jista’ jintalab ghall-esekuzzjoni ta’ obbligazzjoni ‘di fare’. Kif gie deciz mill-Imhallef Dottor Giovanni Pullicino fl-ismijiet **“Pace Bonello vs Gatt”** (Koll. Vol. XVI,II,340): ‘Per la spedizione del mandato in factum e’ necessario l’inadempimento di un fatto personale del debitore. L’obbligo di pagare una somma di*

*denaro o di consegnare o depositare una cosa determinata, anche quando tale obbligo nasce da sentenze, consiste in una obbligazione di dare e il suo inadempimento non conferisce al creditore il diritto di chiedere contro il debitore la spedizione del mandato in factum;*

Ghal dak li jirigwarda x'jikkostitwixxi obbligazioni di dare u dik di fare din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza gja citata moghtija fl-ismijiet '**George Xuereb vs Dorothy Xuereb'** deciza fis-27 ta' Marzu 2013 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn intqal li:

*"Skond il-klassika distinzjoni ta' l-obbligazzjonijiet, kif rikonoxxuta fl-**art. 1126, 1127 u 1128 tal-Kodici Civili** taghna, dawn jitqassmu f'obbligazzjonijiet "di dare", "di fare" u "di non fare". Skond l-**art. 1169** l-obbligazzjoni "di dare" dejjem tirriferixxi ghal "haga". Din il-klassifikazzjoni kellha parti importanti fil-gurisprudenza dwar il-hrug ta' mandat 'in factum' billi, nonostante certa oxxillazzjoni f'din il-gurisprudenza dik l-aktar segwita hi li l-mandat 'in factum' ma jistax jintalab ghall-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni "di dare", anke jekk ordnata b'sentenza, imma jista' jintalab ghall-eseluzzjoni ta' obbligazzjoni "di fare".*

*L-obbligazzjoni ta' konsenja ta' "haga" hi obbligazzjoni "di dare" u mhux "di fare" u li ghalhekk f'kaz ta' obbligazzjoni ta' konsenja ta' "haga" jidher pjuttost li ghandha tigi segwita l-gurisprudenza fis-sens li ma jistax jintalab il-hrug ta' mandat in factum, ghalkemm lanqas ma jista' jinghad li l-kurrent l-iehor gurisprudenzjali hu traskurabbli."*

**Illi din il-Qorti issostni li l-obbligazzjoni ta' konsenja ta' 'haga' u cioe' dik ta' konsenja ta' tank tas-solar heater hi obbligazzjoni 'di dare' u mhux 'di fare' u li ghalhekk f'kaz ta' din l-obbligazzjoni ta' konsenja ta' 'haga' jidher pjuttost li ghandha tigi segwita l-gurisprudenza fuq imsemmija u konsegwentement tali talba qed tigi michuda.**

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------